**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 55**

**22 ta' Diċembru 2016**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

55.1.1 Il-Kunsillier Horace Micallef talab sabiex fil-paragrafu 54.3.12 fil-minuti tal-laqgħa tat-Tlieta 29 ta' Novembru 2016, jiġi speċifikat li l-bieb imsemmi huwa bieb ta' intrata. Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

55.1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru u dawn ġew iffirmati quddiem il-membri preżenti mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**55.2 Punti mqajma mill-minuti**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum:

55.2.1 Sar ix-xogħol ta' *patching* f'parti minn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tad-Direttorat Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-materjal inxtara mill-Kunsill.

55.2.2 Id-dati tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-offerti pubbliċi għax-xogħol ta' asfaltar ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u *resurfacing* ta' Triq John Gaspard Le Marchant ġew estiżi sat-Tnejn 9 u t-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 rispettivament wara direttivi li ngħatajna mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex ma jkunx hemm għeluq ta' offerti fi żmien il-festi tal-Milied.

55.2.3 Sar ix-xogħol ta' tiżjin bid-dawl għal żmien il-festi tal-Milied fi Triq il-Għajn, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq John Gaspard Le Marchant.

55.2.4 Saret laqgħa mal-Inġinier Charles Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Għajn (minn quddiem l-ispiżerija sa Pjazza Santu Wistin), liema xogħol għandu jinbeda mill-Kunsill Lokali wara li toħroġ l-offerta pubblika. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lill-Korporazzjoni sabiex tistudja l-possibilita' li jsiru *dual services* maż-żewġ naħat tat-triq. Sal-lum għadna ma rċivejniex risposta dwar din it-talba.

55.2.5 Ġew organizzati l-attivitajiet bħala parti minn Jum il-Fontana. Dawn kienu jinkludu s-serata kommemorativa li matulha ingħata 'Ġieħ il-Fontana 2016' lil

Dun Manwel Cordina fl-1 ta' Diċembru, il-*weekend break* għar-residenti bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Diċembru u l-ħarġa kulturali f'Għawdex li saret nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru. Din il-ħarġa bdiet b'Quddiesa fil-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu fix-Xagħra u ġiet segwita bi żjara lit-Tempji tal-Ġgantija u l-ikla ta' nofsinhar f'*Tal-Furnar Restaurant* fl-istess raħal. Il-ħarġa ntemmet għand l-istabbiliment 'Savina Creations' fil-kumpless ta' Magro Brothers. Attendew wieħed u tletin persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef. Il-ħarġa soċjo-kulturali f'Malta li kellha ssir nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru ġiet kanċellata minħabba l-maltemp.

Rigward il-*weekend break* f'Malta, ġie innotat li l-Kunsillier Horace Micallef attenda bħala rappreżentant tal-Kunsill. Is-sidien tal-lukanda offrewlna kamra doppja b'xejn filwaqt li l-mara tas-Sur Micallef ħallset bir-rata normali ta' residenta. Għal din l-attivita' attendew tnejn u erbgħin persuna fejn żaru, fost l-oħrajn, is-suq ta' Ħal-Qormi u l-bajja ta' Marsaxlokk.

55.2.6 Twaħħlet mera ġdida fi Triq John Gaspard Le Marchant wara li l-mera l-antika ttajret bir-riħ.

55.2.7 Ġew miżbugħa s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza ta' Dr. Kris Borg LLD fi Triq Wied Siekel. Dawn is-sinjali saru wara li nġabet l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

55.2.8 Sar ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-*playing equipment* li hemm fil-*playing field* ta' ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca qalu li hemm bżonn issir manutenzjoni fuq il-*gym equipment* li jinsab fl-istess żona. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

55.2.9 Ġiet imġedda l-polza tal-assigurazzjoni tal-assi tal-Kunsill skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nġeddu wkoll il-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsilliera għas-sena 2017. Din il-polza ser tiġġedded wara li nirċievu n-notifika min-naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

55.2.10 Ġiet sottomessa l-ittra ta' oġġezzjoni tagħna għall-applikazzjoni PA/06736/2016 imressqa quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar mill-*Fontana Cottage Industries*. Din l-ittra tressqet mill-Perit tal-Kunsill, Anthony Bezzina, fis-16 ta' Diċembru 2016.

55.2.11 Tneħħiet il-linja tal-*fax* tal-Kunsill wara li ġie ivverifikat li m'għadx fadal użu tagħha.

55.2.12 Minħabba li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali naqas li jieħu azzjoni fil-konfront tal-ex-Segretarju Eżekuttiv wara li din għadha sal-lum ma preparatx il-minuti tal-laqgħa b'urġenza tal-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir legali dwar x'azzjoni tista' tittieħed min-naħa tagħna rigward dan in-nuqqas.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

55.3.1 Għandna nerġgħu nitolbu lis-Sur Jason Debrincat sabiex jagħtina kopja tal-kuntratt li huwa għandu mal-Kunsill għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku fil-lokalita'. Dan wara li allegatament, il-Kunsill m'għandux kopja tiegħu. Fin-nuqqas ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu l-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex naraw kif ser nipproċedu.

55.3.2 Għandna nitkellmu ma' rappreżentanti tal-kumpanija *GreenMT* sabiex naraw meta ser jitqassmu l-boroż tar-riċiklaġġ lil kull familja tal-Fontana. Skont il-ftehim li għandna ma' din il-kumpanija, il-boroż jitqassmu darbtejn fis-sena lil kull familja fil-lokalita' tagħna.

55.3.3 Hemm bżonn li jitnaddfu s-siġġijiet imtebbgħin li hemm fis-sala tal-komunita', liema siġġijiet jintużaw fost l-oħrajn min-nies li jattendu għall-korsijiet edukattivi li jsiru f'dan il-post. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nġibu stima għal dan ix-xogħol.

55.3.4 Irċivejna gwarniċ mill-bord tal-*Malta Records* b'turija ta' rikonoxximent għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar imżejna għall-festa, liema kompetizzjoni saret f'Ġunju li għadda.

55.3.5 Hemm bżonn li jsir aġġornament aktar regolari tal-*website* uffiċjali tal-Kunsill. Dan ix-xogħol qed isir mill-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar. F'każ ta' xi diffikultajiet tekniċi biex ikunu jistgħu jsiru dawn l-aġġornamenti, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu l-assistenza tal-*webmaster*, is-Sur William Sultana.

55.3.6 Hemm bżonn nissottomettu l-applikazzjoni tagħna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u l-bankina ta' Pjazza l-Għejun. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb din l-applikazzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill, is-Sur Anthony Bezzina.

55.3.7 Irċieva talba sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx numru 50 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

55.3.8 Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016 ġew mibgħuta lill-*Community Workers Foundation* il-*performance appraisals* taż-żewġ ħaddiema li għandna assenjati magħna sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita'. Dan il-*performance bonus* ser jitħallas mill-istess Fondazzjoni.

55.3.9 Għandna niċċekkjaw mal-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, dwar jekk irċivejniex il-flus dovuti lilna għax-xogħol ta' restawr li għamilna fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni fil-lokalita' tagħna. Dan ix-xogħol kien iffinanzjat mill-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Niċeċ u Postijiet Storiċi Żgħar imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

55.3.10 Irċivejna stima ta' € 885 (VAT inkluża) mingħand il-marmista Raymond Bonello għal xogħol ta' lapida li tfakkar Jum il-Fontana. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li din il-lapida għandha tkun imnaqqxa fuq il-ġebla tal-qawwi u għaldaqstant ser nitolbu lis-Sur Bonello sabiex jagħtina stima ġdida.

55.3.11 Hemm bżonn li tinżebagħ iz-*zebra crossing* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Chris Gauci biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca għamlu riferenza għall-problema tal-volum kbir ta' traffiku li jgħaddi minn din it-triq. Huma proponew u l-Kunsill qabel li l-mirji ma' din iz-*zebra crossing* għandhom jitwaħħlu mal-ħitan, dejjem jekk il-permess jippermetti dan.

55.3.12 Hemm bżonn isir *album* bir-ritratti tal-attivitajiet u l-proġetti li jwettaq il-Kunsill għall-benefiċċju tal-lokalita' tal-Fontana. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li fid-dinja tal-lum, ikun aħjar jekk ir-ritratti jinġabru fuq USB. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

55.3.13 Hemm bżonn li jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni li jevalwa l-offerti li ser jintefgħu għax-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u x-xogħol ta'

*resurfacing* ta' Triq John Gaspard Le Marchant. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li dan il-bord għandu jkun kompost mill-Perit John Saliba (*chairman*) flimkien mal-*evaluators* is-Sindku Saviour Borg, il-Viċi Sindku Victor Cefai u l-Kunsillier Horace Micallef. Is-Segretarju tal-Bord ser ikun is-Segretarju Eżekuttiv *pro tempore* tal-Kunsill. Skont il-linji gwida maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, ic-*chairman* u s-segretarju tal-bord ma jkollhomx id-dritt tal-vot.

**55.4 Applikazzjoni għal proġetti Ewropej taħt il-programm ERDF**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li s-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej għadu kemm ħareġ żewġ sejħiet immirati għall-Kunsilli Lokali li permezz tagħhom jiġu implimentati proġetti b'finanzjament mill-Programm ERDF tal-Unjoni Ewropea. L-ewwel sejħa tiffoka fuq proġetti li jippromwovu l-użu ta' enerġija alternattiva filwaqt li t-tieni sejħa tiffoka fuq proġetti li jikkonservaw il-patrimonju naturali u kulturali tal-lokalita'.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw għall-fondi sabiex nixtru vettura li taħdem bl-elettriku, liema vettura tkun tista' tintuża għax-xogħol tal-Kunsill, u sabiex jiġi implimentat il-proġett ta' pavimentar bil-*porfido* ta' Sqaq Għar Gerduf, parti minn Triq Ta' Mulejja, Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, Trejqet ir-Razzett, Treqjet ix-Xagħri u parti minn Triq il-Għajn.

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa ma' uffiċjali tal-MEUSAC biex naraw il-possibilita' li jgħinuna fil-mili ta' dawn l-applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet għal dawn il-proġetti jagħlqu nhar il-Ġimgħa 7 ta' April 2016 f'nofsinhar.

**55.5 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti**

55.5.1 Ċirkulari iċċirkolata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-kuntratti ta' tindif tal-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali u l-knis tat-toroq maħruġa mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.5.2 Ċirkulari numru 45/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.5.3 E-mail minn Suzanne Bonnici, *qualified fitness instructor*, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex jerġa' jsir il-kors tal-*fitness*

fis-sala tal-komunita' mill-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017 'il quddiem. Il-kors idum tmien ġimgħat.

Is-Sindku qal li mhux ġust li wara li l-Kunsill ikkollabora mas-Sinjura Bonnici fl-organizazzjoni ta' korsijiet simili bejn Ottubru u Diċembru 2016, is-Sinjura Bonnici ma tat l-ebda ħlas lill-Kunsill għall-użu tas-sala' tal-komunita'. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna niftehmu mas-Sinjura Bonnici dwar il-kundizzjonijiet tal-użu tas-sala u l-ħlas dovut f'każ li naċċettaw li nerġgħu norganizzaw dan il-kors tal-*fitness*.

55.5.4 Ċirkulari numru 46/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Struzzjonijiet għal matul il-festi tal-Milied'. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li l-uffiċċju tagħna għandu jinżamm magħluq nhar is-Sibt 24 ta' Diċembru (lejliet il-Milied) u nhar is-Sibt 31 ta' Diċembru (l-aħħar tas-sena).

55.5.5 E-mail mis-Sur Adrian Mifsud, Direttur tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li l-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning 2016-2017* aċċetta l-applikazzjoni tagħna għal dawn il-fondi u qed jalloka s-somma ta' € 800 biex tinxtara għamara għas-sala tal-komunita', il-post fejn isiru dawn il-korsijiet. Il-Kunsill irringrazzja lid-Dipartiment għal din l-għotja.

55.5.6 Ċirkulari numru 47/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva ta' Taħriġ – Sistema ta' Akkwist Elettroniku (l-ePPS)'. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ser jattendi għal dan it-taħriġ.

55.5.7 E-mail mingħand Amanda Bezzina, rappreżentanta tal-kumpanija *Young Minds Limited*, li fiha qed tistaqsi lill-Kunsilli Lokali dwar jekk għandhomx xi post li jistgħu jikruh biex jintuża bħala *child care centre*. Il-Kunsill ser jinforma lis-Sinjura Bezzina li m'għandna l-ebda post li nistgħu nikruh għal dan il-għan.

55.5.8 Ċirkulari numru 48/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Il-*Community Workers' Scheme* fil-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.5.9 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv li jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta dan ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Ivan Attard għandu jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

55.5.10 Ċirkulari numru 49/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva ta' Taħriġ – Tisħiħ fil-Kitba Maltija'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.5.11 E-mail mingħand Sergio Mallia, *chief operating officer* ta' WEEE Malta, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex jikkunsidra li jipparteċipa fl-inizjattiva WEEE Malta Trolley. Permezz ta' din l-inizjattiva, il-kumpanija WEEE Malta ser tqassam *trolleys* b'xejn lil kull Kunsill Lokali li jipparteċipa u li fihom ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn materjal elettroniku. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

55.5.12 E-mail mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li fiha qed tinforma lill-Kunsill li l-istess Awtorita' irċeviet l-ittra ta' oġġezzjoni għall-permess b'riferenza PA/06736/16 skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.5.13 Parir legali mingħand l-Avukat Dr. Jean Paul Grech LLD rigward il-kont dovut lill-Perit Angelo Portelli għal servizzi li ta lill-Kunsill f'Novembru 2011. Dr. Grech qed jiggwida lill-Kunsill li ġaladarba t-talba għal dan il-ħlas hija preskritta, il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk iħallsux jew le wara li jitlob gwida mid-Dipartiment dwar x'inhi l-*policy* tal-istess Dipartiment f'ċirkostanzi fejn talbiet għall-ħlas ta' xogħol li jsiru mill-Kunsill ikunu preskritti.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibgħat il-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Kunsill u l-Perit Angelo Portelli flimkien ma' dan il-parir legali li ngħatajna għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud, sabiex dan jagħtina direzzjoni dwar kif għandna nipproċedu.

55.5.14 Ċirkulari numru 50/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex u għaldaqstant għandna nistennew l-eżitu ta' din il-laqgħa qabel ma niddeċiedu dwar x'se jkun il-pass li jmiss f'dan ir-rigward.

Bejn it-30 ta' Novembru u t-22 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ma rċieva l-ebda ilment mingħand ir-residenti.

**55.6 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Rigward il-pagament tas-Sur Carmel Xerri għax-xogħol ta' tindif fil-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja għal matul ix-xahar ta' Ottubru 2016, il-Kunsill qabel li minnu għandu jinqata' l-ammont li nefaq il-Kunsill għax-xiri ta' materjal tat-tindif tal-istess latrina.

Rigward il-kont imressaq minn Ta' Karolina Restaurant għall-ikla ta' filgħaxija li ġiet offruta lid-delegazzjoni minn Serrone fl-Italja nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill qabel li dan il-pagament għandu jiġi approvat wara li sid ir-*restaurant* ikun emenda l-*invoice* tiegħu bin-numru korrett ta' persuni li attendew.

Rigward il-pagamenti tas-Sur Nicholas Zammit għal servizz ta' ġbir ta' skart goff fil-lokalita' għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2016, il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu approvati. Għandna nerġgħu niġbdu l-attenzjoni tal-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar, sabiex jagħmel *follow-up* tas-servizzi li jkollna ibbukkjati biex nassiguraw li dan is-servizz qed jingħata bl-aktar mod effikaċi lir-residenti li jitolbuh.

Is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Horace Micallef innotaw li huma mhux qed jirċievu ħlas għas-servizz li taw bħala membri fil-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Jannar 2017 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Saviour Borg** **Ivan Attard**
**Sindku** **Aġent Segretarju Eżekuttiv**